# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur I. J. Abdilla)**

**vs**

**Concetta Charles**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta` Concetta Charles, karta tal-identita bin-numru 811758M fejn ġiet mixlija talli f'dawn il-Gżejjer fis-16 ta' Jannar 2002 u fit-8 ta' Mejju 2002 u fil-ġranet ta' qabel u ta' wara, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda approprijat ruħha billi dawret bi profitt għaliha jew għal persuni oħra, is-somma ta' ħamest elef Liri Maltin (Lm5000) ekwivalenti għal ċirka ħdax il-elf, sitt mija ħamsa u erbgħin euro (€11,645) għad-dannu ta' Marco u Elisabeth konjuġi Gonzi, liema somma ġiet fdata jew ikkonsenjata lilha taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa

jew li jsir użu minnha skont kif speċifikat liema somma ġiet fdata lilha minħabba l-professjoni, il-kariga, industrija jew kummerċ jew is-servizz tagħha.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex fil-każ li ssib ħtija, hija tikkundanna wkoll lill-ħatja tħallas l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra t'esperti jew periti fil-proċeduri kif kontemplat mill-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat l-atti u d-dokumenti eżebiti;

Rat li permezz ta' nota ta' rinviju għall-ġudizzju datata 21 ta' Ġunju 2004, l-Avukat Ġenerali deherlu li mill-Kompilazzjoni hawn fuq imsemmija, tista tinstab ħtija (jew ħtijiet) taħt dak li hemm maħsub fil-konfront ta' Concetta Charles fl-Artikoli 18, 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali u għalhekk iddeċieda li taħt dak maħsub fl-Artikolu 370(3)(b)(c) tal-Kodiċi Kriminali jibgħat lill-imputata hawn fuq imsemmija sabiex tigi ġġudikata minn din il-Qorti u għalhekk bagħat lura l-atti tal-Kompilazzjoni sabiex din il-Qorti tipproċedi skont il-Liġi;

Rat li matul is-seduta tas-26 t'Ottubru 2009 din il-Qorti diversament presjeduta, staqsietha jekk kellhiex oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat u deciż minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputata żmien xieraq biex twieġeb għal din il-mistoqsija, wieġbet li m'għandhiex oġġezzjoni li l-każ jiġi

trattat bi proċedura sommarja u il-Qorti għalhekk ħadet nota bil-miktub ta' din it-tweġiba fil-proċess ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodiċi Kriminali;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta mill-Maġistrat Dottor Antonio Micallef Trigona datata 29 ta' Novembru 2010 fejn l-imputata kienet ġiet misjuba ħatja tar-reat kontestat lilha u l-Qorti għażlet li tapplika l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk illiberatha bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien tliet snin u fejn l-istess Qorti ordnat lill-ħatja ai termini tal-Artikolu 24 tal-istess Kapitolu sabiex tħallas lill-parte civile s-somma ta' elf euro (€1000) fi żmien sena mid-data ta' dik is-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appell tal-imputata;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali datata 13 ta' Lulju 2012 u li għar-raġunijiet hemmhekk imsemmija laqgħet in parti l-appell interpost mill-imputata u li filwaqt li ħassret u rrevokat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) hawn fuq imsemmija sabiex ma jiġix priv id-dritt tal-kontro-eżami ordnat li l-atti jintbagħtu lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabiex din il-Qorti "taghti imqar differiment wiehed ghall-provi kollha tad-difiza u wara tigi trattata u deciza".

Rat id-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta mill-Maġistrat Dottor Antonio Micallef Trigona tat-22 ta' Jannar 2013 li permezz tiegħu iddikjarat li peress li kienet diġa esprimiet ruħha f'din il-kawża ordnat li l-atti tal-kawża jiġu mibgħuta lir-Reġistratur sabiex issir l-assenjazzjoni biex tiġi salvagwardata r-retta amministrazzjoni tal-Ġustizzja;

Rat li din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta li sa' minn meta waslulha l-atti ta' din il-kawża appuntat din il-kawża (għal ħmistax il-darba sabiex fihom l-imputata setgħet tressaq il-provi u tittratta l-każ tagħha).

Semgħet ix-xiehda tal-imputata u tax-xhud preżentata minnha nonche rat id-dokumenti eżebiti minnha;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi din il-Qorti, minbarra li reġgħet rat ix-xiehda kollha mressqa mill-Prosekuzzjoni semgħet ukoll lill-imputata u lix-xhud Elisabeth Gonzi. Il-provi f'dan il-każ juru li fis-16 ta' Jannar 2002 l-imputata u l-ġja konjuġi Gonzi kienu daħlu fi skrittura privata li permezz tagħha l-imputata intrabtet li tagħmel ix-xogħol kollu meħtieġ sabiex tkun tista'

ġġib tarbija mill-Pakistan biex din tkun tista' tiġi adottata mill-koppja Gonzi f'Malta u li din tkun għas-sodisfazzjon tal-koppja adottanti. Dan il-kuntratt kien jippreskrivi s-segwenti : -

> Today sixteenth of January of the year two thousand and two (16/1/2002).
> …….
> In virtue of this agreement appearers spouses Gonzi declare that they wish to adopt a baby girl from Pakistan.
> Appear Concetta Charles declares that she is in a position to bring the baby over to Malta with all the necessary documents for the baby to be adopted in Malta. Appearer Binds herself to bring to Malta this girl and that she is not coloured, free from any chronic or serious disease, defect or medical condition, physical or mental disability as certified by a medical clinic in Pakistan and a competent authority in Malta chosen by appearers spouses Gonzi. Appearer Concetta Charles shall take responsibility for the baby if the baby is certified as being unwell in Malta.
> Apperers spouses Gonzi are paying the sum of three thousand Maltese Liri (Lm3000) as part of the total consideration of five thousand five hundred Maltese liri (Lm5,500). Such consideration covers all medical expenses and the maintenance of this baby in the New United Christian Foundation's Home in Pakistan as well as all legal, administrative, telephone and travelling expenses connected to this adoption. Appearer Concetta Charles binds herself to pay all expenses relative to the baby being brought over to Malta, including domestic and international flights.
> Appearer declares to have received the above sum and gives due receipt.
> Appearers spouses Gonzi bind themselves to pay the balance of two thousand five hundred Maltese Liri (Lm2,500) when a medical report is given to appearers spouses Gonzi and found to be wholly to their satisfaction.
> Should there be a reason for which appearer Concetta Charles deems the adoption not to be in the best interest of the baby, she shall stop the bringing over of the baby to Malta without giving appearers spouses Gonzi any reason and refund the consideration paid back to appearers spouses Gonzi. Appearer Concetta Charles binds herself to return the consideration within two months from the notification in writing that appearer is not able to deliver the baby. Any difference in the exchange rate will be borne by the couple. Similarly, should there be any reasons that renders the couple unable to bring up the baby, such as injury or illness happening between today and the arrival of the baby, then appearer Concetta Charles binds herself to return the consideration paid.

> Appearer Concetta Charles binds herself to return the consideration paid within the same time limit, should she not deliver the baby as agreed or should there be a reason out of her control that renders her unable to bring over the baby in Malta.
> The agreement shall be valid for a year from today.

Jirriżulta wkoll li fit-8 ta' Mejju 2002 il-koppja Gonzi ħalset lill-imputata l-bilanċ ta' elfejn Liri Maltin (Lm2000), għalkemm fid-dokument a fol 19, riċevuta, xejn ma jissemma' rigward ir-raġuni ta' tali ħlas. Il-provi juru wkoll li din it-tarbija qatt ma waslet minkejja t-terminu taż-żmien miftiehem fil-kuntratt, u minkejja l-assugurazzjoni tal-imputata li t-tarbija kienet ser tasal fiż-żmien sena mid-data tal-kuntratt. Iżda din it-tarbija qatt ma waslet. Marco Gonzi kien infurma lill-imputata li ma kienux lesti li jġeddu l-kuntratt u li jekk it-tarbija ma kienetx ser tilħaq tiġi fiż-żmien sena, allura huma kienu ser jitolbu l-flus lura.

Gonzi kien xehed fit-30 ta' Settembru 2003 u fol 16 iżid jgħid li:

> ghandi nghid illi jiena ricentement kont gejt avvicinat mill-imputata u staqsietni jekk jiena kontx naccetta bhala rifuzjoni tas-somma l-ammont ta' mija u ghoxrin lira fix-xahar. Jiena tkellimt mal-avukat ukoll ma' marti u eventwalment accetajna dil-proposta. Nipreciza li dan sar qabel Frar ta' din is-sena u l-imputata baqghet kostanti thallas il-mija u ghoxrin lira mix-xahar ta' Frar u kul xahar sussegwenti. Mill-pagamenti mensili l-imputata qatt ma naqset.

Fir-rigward dawn il-ħlasijiet jirriżulta wkoll minn verbal a fol 72 li sal-14 ta' Ġunju 2010 il-koppja Gonzi kienet irċeviet is-somma ta' tliet elef u mitejn Liri Maltin (Lm3200) mingħand l-imputata.

*Ikkunsidrat : -*

Illi Marco Gonzi kien ilmenta li l-imputata ma kienetx tagħthom xi dokumenti dwar din l-adozzjoni u l-anqas ritratt tat-tarbija adottanda ma ingħataw. Fil-fatt anke meta xehdet Elisabeth Gonzi fis-16 ta' Frar 2015 jirriżulta dan li tgħid li l-imputata qatt ma tagħthom rendikont ta' dak li kienet tonfoq. Kienet tgħidilha li l-flus kienu qed imorru biex jitħalsu l-avukati u vjaġġi pero informazzjoni konkreta u dokumenti, xejn.

Fil-ġbir tal-provi f'dan il-proċess jirriżulta li hemm karenza assoluta ta' dokumenti li jistgħu b'xi mod juru li almenu din il-proċedura tal-adozzjoni kienet inbdiet jew almenu fejn kienet waslet. Ma hemm ebda dokument li juri fejn dawn il-ħamest elef Liri Maltin imħalsa mill-koppja Gonzi effettivament marru.

L-imputata xehdet fl-1 ta' Diċembru 2014[1] li dawn il-flejjes kienu ġew użati għall-iskop tal-adozzjoni tat-tifla kif ukoll sabiex minnhom u bihom ikunu jistgħu jitħalsu l-ispejjeż tal-Fondazzjoni bl-isem "United Christian Foundation" fil-Pakistan. Għal darb'oħra din il-Qorti

[1] Għalkemm fil-verbal tas-seduta tal-1 ta' Diċembru 2014 l-Avukat Azzopardi għall-imputata talab biex ix-xiehda tal-imputata tiġi sospiża biex tkun tista' ġġib dokumenti li jsaħħu d-deposizzjoni tagħha, il-Qorti ma kienetx ippermettiet dan in kwantu din kienet l-imputata u li kellha tixhed u twieġeb għall-kontro-eżami fl-istess udjenza. Dan qed jingħad a skans t'ekwivoċi (li t-traskrizzjoni tax-xiehda tal-imputata a fol 116 tista' tagħti fejn il-kliem "Ħa tissospendi ħalli ggib id-dokumenti li ghandha ggib u mbagħad imexxu minn hemm hekk" kellha tkun fil-forma interrogattiva iżda ġiet traskritta fil-forma affermattiva) u l-Qorti baqgħet għaddejja bid-dibattitu matul l-istess seduta. Dan jixhdu l-fatt li l-Qorti kompliet għaddejja bl-eżami u kontro-eżami matul l-istess seduta.

tirrimarka li ma nġiebet ebda prova dwar l-eżistenza o meno ta' din l-allegata Fondazzjoni u x-xogħol li suppost kienet tagħmel fil-Pakistan. Il-Qorti riedet bil-fors toqgħod fuq il-kelma tal-imputata li din il-Fondazzjoni kienet teżisti u li kienet tagħmel ix-xogħol li stqarret hi fix-xiehda tagħha.

L-imputata tistqarr li hija ma kellha qatt l-intenzjoni li tagħmel ħsara lill-koppja Gonzi u li l-intenzjonijiet tagħha kienu dejjem ġenwini u għall-ġid tat-tfal foqra tal-Pakistan. Hija tgħid li minn naħa tagħha kienet sfat il-vittma ta' qlajjiet u allegazzjonijiet fierħa li kienet involuta fi traffikar tat-tfal fost l-oħrajn. Qalet li dawn l-allegazzjonijiet bdew iseħħu f'Marzu tal-2003, mentri l-ftehim mal-koppja Gonzi kienet għamlitu f'Jannar 2002 u Mejju 2002, allura ferm qabel ma kien hemm feġġew dawn l-allegazzjonijiet fl-istampa. Qalet ukoll li żewġha kien ġie arrestat u miżmum detenut fil-Pakistan bejn l-2002 u l-2008 minħabba f'hekk. Dan kollu wassal biex kellha taffronta diffikultajiet finanzjarji u emottivi kbar.

L-imputata tgħid ukoll li kien hemm żmien fejn minħabba dawn id-diffikultajiet kienet kostretta li ddur għal persuni oħra biex jgħinuha tkompli fil-missjoni tagħha. Iżda ġara li anke hawn kien hemm min abbuża minnha u mill-Fondazzjoni. Tgħid li ċertu Shabir Shafcat kien spiċċa biex anke kien kundannat għal atti ta' frodi mill-Qorti f'Malta u

kundannat għal tmintax il-xahar priġunerija sospiżi u deportat lura lejn il-Pakistan.

Pero l-imputata tgħid ukoll li hija kienet fehmet il-preokkupazzjoni tal-koppja Gonzi tant li kienet diposta li tħallas lura lill-istess koppja permezz ta' ħlas bin-nifs. Hija tgħid li l-koppja Gonzi kienu aċċettaw dan il-ftehim. Mhux talli hekk talli hija ssostni li l-ammonti kollha dovuti lill-koppja Gonzi kienet ħalsithom u kif ukoll tagħthom xi ħlas ta' imgħaxijiet! A fol 118 hija ttenni li :

> kollha interament, le tajthomlhom kollha jien. Jiena l-aħħar sentenza li kelli li kienet deciza quddiem il-Magistrat Trigona kienet li jiena naghti lura elf ewro jigifieri mhux l-elf ewro tajthom tajthom aktar minn…

Matul ix-xiehda tax-xhud Elisabeth Gonzi, din ix-xhud ġiet mistoqsija diversi mistoqsijiet dwar dawn l-allegati ħlasijiet li saru mill-imputata lilha u lil żewġha. Fil-fatt din ix-xhud ittenni li verament l-imputata kienet bdiet tħallashom xi flejjes għalkemm ma kienetx f'qagħda li tikkonferma kemm kienu tħalsu lura għaliex kien żewġha li kien jieħu ħsieb u meta xehdet żewġha kien laħaq miet. Biss murija d-dokumenti eżibiti a fol 160, hija qalet li kienet tagħraf il-firem ta' żewġha fuq l-irċevuti murija.

*Ikkunsidrat : -*

F'dan il-każ jirriżulta li wara l-kuntratt oriġinali tas-sittax ta' Jannar 2002 kien sar ftehim ieħor li permezz tiegħu (iżda li d-data meta dan seħħ baqgħet mhux ċara in kwantu Marco Gonzi jgħid li dan sar qabel Frar 2003) il-partijiet qablu li l-kuntratt oriġinali ma jiġġeddidx u li l-imputata tirritorna lura l-flus imħalsin lilha mhux f'daqqa jew fi żmien xahrejn kif oriġinarjament miftiehem iżda permezz ta' pagamenti mensili konsekuttivi ta' mija u għoxrin Liri Maltin (Lm120). Verament li fix-xiehda tagħha Elisabeth Gonzi tgħid li huma riedu l-flus lura f'daqqa (għax hekk kienu tawhomlha) mill-banda l-oħra aċċettaw li jeħduhom lura permezz ta' pagamenti mensili għax raw li l-imputata ma kellhiex minn fejn tħallashom lura f'daqqa.

Kwantu għall-element tal-imgħaxijiet fuq l-ammonti dovuti, ix-xhud Gonzi tgħid ukoll li għalkemm l-arranġamenti saru ma żewġha hija kienet tiftakar li : "kemm iddum ma tagħtihomlna, tagħtina xi imgħax fuqhom, issa sa kemm ftiehem magħha…". Hawnhekk din ix-xhud turi li kienet ħalliet f'idejn żewġha dwar id-dettalji ta' dan l-argument. Għal darb'oħra din il-Qorti m'għandhiex l-istampa probatorja ċara u kompluta quddiemha dwar dawn l-imgħaxijiet għaliex anke l-irċevuti eżibiti għalkemm isemmu li kellu jkun hem element t'imgħaxijiet, il-perċentwali ta' kemm dawn l-imgħaxijiet kellhom ikunu pero qatt ma ġie indikat.

Dan il-ftehim il-ġdid li kien jipprevedi r-restituzzjoni tal-ammont imħallas skont il-kuntratt oriġinali kien beda jiġi mwettaq għaliex kemm Marco Gonzi kif ukoll martu Elizabeth jikkonfermaw li verament kienu bdew jirċievu ħlasijiet. Dwar l-ammonti imħalsin, l-aħħar dikjarazzjoni li saret minn Marco Gonzi f'dan ir-rigward tmur lura għall-14 ta' Ġunju 2010 (u huwa ġie nieqes f'Settembru 2014) fejn dakinhar jirriżulta li kienu tħalsu Lm3200 minn Lm5000. Elizabeth Gonzi li xehdet fi Frar 2015 ma kienetx f'qagħda tgħid kemm kienu saru pagamenti sa' dakinhar; biss hija tixhed li żewġha kien jirċievi l-flus mingħand l-imputata u li huwa kien iżomm miktub dak li kien ħallashom; pero hija ma kellhiex f'idejha d-dokumenti li bihom turi kemm fil-fatt tħalsu flejjes lura għax ma kienx għad (f'dak il-mument) il-kuraġġ li tmur tqalleb fil-karti ta' żewġha.

Biss a fol 154 Gonzi tgħid li għalkemm fil-bidu kienet tħallashom mija u għoxrin Liri Maltin, aktar reċenti l-imputata kienet tħallashom mija u għoxrin euro – u naturalment din id-differenza fil-valuta kienet kontra tagħhom li xtaqu li jitħalsu lura l-flus f'daqqa u mhux ftit ftit. Hija tgħid ukoll li l-imputata ma kienetx tkun konstanti fil-ħlas lura u kien hemm żmien fejn anke kienet waqfet għal perjodu ta' żmien twil. Biss sa ftit żmien qabel ma miet żewġha, huma ma kienux baqgħu jitkelmu kemm l-imputata kien għad fadlilha tħallashom lura; biss żewġha qatt ma qallha li kienet ħalsithom ta' kollox.

*Ikkunsidrat : -*

Illi sa hawnhekk, il-Qorti jidhrilha li din il-kwistjoni bejn il-partijiet setgħet tinftihem li kienet waħda aktar ta' natura ċivili milli ta' natura kriminali. Bħal ma jiġri mijiet ta' drabi, għalkemm *pacta sunt servanda*, mhux dejjem jiġri hekk u l-partijiet jispiċċaw f'kontroversja minħabba l-fatt li xi parti tonqos milli tonora l-obbligi tagħha. Kif ġieli jiġri wkoll jaslu fi ftehim sabiex isir ħlas lura tad-debitu minflok il-kontenzjuż jispiċċa quddiem il-Qrati.

Biss mill-kontro-eżami li sar lill-istess imputata, u wkoll mill-irċevuti li ġew eżibiti matul il-kors tal-eżami tax-xhud Elisabeth Gonzi, ħarġu dettalji importanti ħafna li fil-fatt jirrendu dan il-każ mhux biss ċivilment importanti iżda wkoll kriminalment rilevanti.

A fol 120 l-imputata stqarret li hija kienet użat dawn il-ħamest elef Lira Maltin sabiex isiru r-riċerki, id-deposit jeħodha l-avukat tal-Pakistan sabiex jagħmel *background check* tat-tarbija; jagħmlu applikazzjoni mal-Kummissarju tal-Pulizija tad-distrett beix jieħu l-kustodja fiżika tat-tarbija; ikun hemm it-testijiet mediċi :

> fl-aqwa medical sptar fil-Pakistan biex nagħmlu l-back ground check tal-medical history tat-tfal ukoll u mbagħad hem il-Fundazzjoni l-United Christian Foundation pagi, utility bills, u t-robbija tat-tfal oħra għax il-motto tagħna kienet ma' tarbija waħda tixrob l-oħra.

> Spettur Abdilla : Mela ara ngħidx sew li parti minn dawn il-flus li tawk il-kopja Gonzi inti għaddjthom lil Fondazzjoni hux hekk, mhud kollha kienu għal adozzjoni?
>
> Xhud : Din ma tistax inti taqbad five thousand, ħa nieħu five thousand mingħand il-kopja Gonzi, ħa nixtri biljett, ħa mmur il-Pakistan, ħa nsib minn xi mkien xi tifla u nnizzilha hawn Malta, ma tistax, l-adozzjoni ma ssirx hekk.

L-imputata tkompli tgħid li hija kienet titkellem mal-koppja dwar kif kienet tipproċedi u anke kienu jagħmlu kuntratt quddiem in-Nutar. A fol 123, mistoqsija mill-Qorti :

> Jiġifieri fil-kaz ta' din il-kopja Gonzi gara l-istess illi kien hemm il-ftehim, il-ftehim sar quddiem in-Nutar, tawk dawn il-flus, kienu kuntenti li jagħtuk dawn il-flus bil-kundizzjoni li ggibilhom il-wild u ma stqasewkx jekk kemm il-darba kif u come dawn il-flejjes għandhom jitqassmu?
>
> Xhud : Imma ngħidhulhom aħna għax dejjem konna ngħidulhom li mbagħad aħna jkollna tfal oħra u nzommu dawn it-tfal sakemm insibulhom familji oħra għax inti t-tarbija jrid ikollox spejjez biex tilqagħha sakemm issibilha mummy. Jigifieri l-kopja ta' qabilhom jiena kelli l-flus baqa' l-flus għal Fondazzjoni biex zammejt il-Fondazzjoni biex imbagħad kienet tasal it-tifla tal-koppja Gonzi għandi u kien ikolli biex inzommha sakemm jiena imbagħad nintaqa' ma' Gonzi u jħallas il-kumplament.

Hija tkompli tgħid li l-koppji li kienu jadottaw tfal mill-Pakistan bis-servizzi tagħha kienu jkunu jafu b'dan l-arranġament kollu għaliex kienu jitkelmu u kienu jdumu jitkelmu dwar dak li hija kienet tagħmel fil-Fondazzjoni. A fol 127 hija żżid is-segwenti :

> Qorti : Mela jiena fhimt sewwa ftit qabel fix-xiehda tiegħa s-Sinjura qalet li ma tarbija jixorbu tnejn?
>
> Xhud : Ma' tarbija waħda tixrob l-oħra fis-sens li jekk tarbija tigi addottata sabet xortija sewwa issa aħna jrid ikollna mezzi biżżejjed f'idejna fil-Fondazzjoni, mhux fil-but tagħna jew ta' sħabi li jekk tigi tarbija oħra

> nilqugħa mhux inkeccuha lil hem u tmut għax hekk jigri, nilqugħa, inzommuha sakemm lil din ukoll insibulha … il-mummy tagħha ukoll, irid ikollok is-seta', din hija ħidma u dedikazzjoni u x-xogħol, ix-xogħol beda propja mis-1978 meta gejna rregistrati u officially approvati mill-Qrati tal-Pakistan għax kellna proven track record, ħadna r-registration hux hekk, kieku lanqas biss kienu jagħtu kasna.

***Ikkunsidrat :***

Illi il-kuntratt oriġinali kien kjarament jiġbor fih l-għanijiet komuni tal-partijiet u l-kondizzjonijiet li permezz tagħhom huma kienu qegħdin jintrabtu biex jilħqu l-għanijiet komuni. Minn dan il-kuntratt jirriżulta ċar li l-flus li ħalsu l-koppja Gonzi kellhom jiġu użati għal skop speċifiku:

> Appearers spouses Gonzi are paying the sum of three thousand Maltese Liri (Lm3000) as part of the total consideration of five thousand five hundred Maltese liri (Lm5,500). Such consideration covers all medical expenses and the maintenance of this baby in the New United Christian Foundation's Home in Pakistan as well as all legal, administrative, telephone and travelling expenses connected to this adoption. Appearer Concetta Charles binds herself to pay all expenses relative to the baby being brought over to Malta, including domestic and international flights. Appearer declares to have received the above sum and gives due receipt. Appearers spouses Gonzi bind themselves to pay the balance of two thousand five hundred Maltese Liri (Lm2,500) when a medical report is given to appearers spouses Gonzi and found to be wholly to their satisfaction.

Il-flus imħalsin mill-koppja Gonzi kellhom imorru speċifikament u esklussivament għall-proċedura tal-adozzjoni tat-tifla li kienu jridu l-koppja Gonzi u mhux għal raġunijiet oħra, nobbli jew inqas nobbli. Minn imkien ma jirriżulta li huma kienu ftehmu, anke bil-fomm, qabel

jew wara l-kitba privata li xi parti mill-flus ikunu jistgħu jiġu użati għal skop divers minn dak pattwit bejniethom. Għalkemm l-imputata tixhed li hija kienet tgħidilhom b'dan l-għan, jidher ċar li dan l-għan jew possibilita ma ġewx miktuba bejniethom. U din il-kitba hija l-aqwa prova tal-ftehim li kien sar bejn il-partijiet fiż-żmien li sar u li ma jirriżultax li b'xi mod ġie mibdul wara in kwantu għal dak li għandu x'jaqsam mal-iskop għaliex il-koppja Gonzi kienu ħalsuha l-ħamest elef Liri Maltin.

Dan qiegħed jingħad għaliex ir-reat de quo kontemplat fl-Artikolu 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali jippreskrivi s-segwenti :

> **293.** Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il- piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:
>
> Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti.
>
> **294.** Madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba l-professjoni, industrja, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju, l-azzjoni kriminali titmexxa *ex officio*, u l-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn.

Illi fil-kawża deċiża mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs John Gauci*** nhar l-14 ta' Frar 1997, il-Qorti stqarret li l-elementi tar-reat de quo huma s-segwenti : -

> Minn ezami ta' l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jidher car li wiehed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita huwa kostitwit mill-frazi: "...taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu ... li jsir uzu minnha specifikat ...". Specifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haga lill-agent u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga u hadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lill-agent dwar kif ikollu jaghmel uzu mill-oggett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan bihom jixtrilu dar, l-agent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jaghtihom karita'. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-agent ikun approprja ruhu mill-flus indebitament jekk jaghtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'.
> Jekk jixtrihom armi, allura l-agent ikun ghamel uzu mill-flus kif specifikat. F'kull kaz, fl-indagini dwar il-htija jew le ta' approprjazzjoni indebita, ghandha ssir prova ta' l-uzu tal-haga specifikata mill-konsenjatur u prova ta' jekk l-agent ma jkunx ghamel mill-haga dak l-uzu jew uzu divers.

Fil-fehma tal-Qorti huwa preċiżament dan li seħħ f'dan il-każ. Il-Prosekuzzjoni ippruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-konjuġi Gonzi kienu ħalsu l-ammont ta' ħamest elef Lira Maltin biex l-imputata tagħmel ix-xogħol kollu meħtieġ sabiex iġġibilhom tifla mill-Pakistan biex ikunu jistgħu jadottawha u għal ebda raġuni oħra. Minkejja dan, l-imputata, *ex admissis*, użat almenu parti minn dawn il-flejjes billi kkonvertiet bi profitt, jekk mhux għaliha żgur għal xi persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor, f'dan il-każ il-flejjes imħalsin lilha mill-koppja Gonzi, liema flejjes kienu fdati u ikkunsinnati lilha bl-obbligu li jsir użu minnhom speċifikat fil-kuntratt. Dan l-imputata ma osservatux u anke jekk għal skop li setgħa kien nobbli, hija inkorriet fil-kommissjoni ta' dan ir-reat.

*Ikkunsidrat : -*

Illi mix-xiehda ta' Marco Gonzi jirriżulta ċar li sa' minn qabel Frar 2003 l-imputata u Marco Gonzi kienu tkelmu bejniethom dwar id-deċiżjoni tal-koppja Gonzi li ma kienux lesti li jġeddu l-kuntratt, ossija jikkonċedu aktar żmien lill-imputata biex iġġib it-tifla lil hinn mis-sena pattwita fil-kuntratt oriġinali. Din id-deċiżjoni tagħhom trid tinqara wkoll fid-dawl tal-fatt li huma kienu wkoll konxji mill-allegazzjonijiet li kienu qed isiru dak iż-żmien fuq ir-reputazzjoni tal-imputata. Il-koppja Gonzi għalhekk kienu imħasbin doppjament dwar l-eżitu tal-kuntratt mal-imputata. Għalhekk il-konjuġi Gonzi ma riedux "iġeddu" l-kuntratt, riedu li l-proċedura tal-adozzjoni tat-tifla miftehma mal-imputata tieqaf hemm u riedu flushom lura. F'dak l-istadju, ċjoe qabel Frar 2003, (iżda mhux ċar jekk hux jiem, ġimgħat jew xhur qabel għax Marco Gonzi ma jfornix dettalji) jirriżulta li l-imputata aċċettat dan u aċċettat ukoll li tħallas lura l-flus li kienet irċeviet mingħand il-koppja Gonzi. Għalkemm għall-bidu l-koppja Gonzi riedu l-ħlas lura f'daqqa rrealizzaw li l-imputata ma kellhiex minn fejn tagħmel dan u aċċettaw li jitħalsu lura bin-nifs fl-ammont ta' mija u għoxrin Liri Maltin fix-xahar. Dan il-ftehim tħaddem u żgur li sal-14 ta' Ġunju 2010 Marco Gonzi jiddikjara bil-ġurament tiegħu li huwa kien irċieva l-ammont ta' Lm3200.

Mill-kumpless tal-provi disponibbli lilha jidher mhux kontestat li l-imputata kienet baqgħet issostni li kienet ser tipprova twassal lit-tifla lill-

koppja Gonzi fit-terminu tal-kuntratt. Iżda jidher ukoll li meta l-prospetti li dan jitwettaq għebu, hija riedet tara kif ser tħallashom flushom lura. Il-koppja Gonzi riedu li jitħalsu flushom lura f'daqqa. Iżda peress li l-imputata kkonvinċiethom li ma kellhiex minn fejn, huma kienu kostretti jaċċettaw li jirċievu l-ħlas lura mhux f'daqqa iżda permezz ta' ħlasijiet mensili li fil-bidu kienu ta' mija u għoxrin Liri Maltin flimkien ma ammont ta' imgħax li qatt ma ħareġ mill-provi f'liema perċentwali.

Dan ifisser li verbalment il-partijiet kienu qablu li l-kuntratt oriġinali ma jiġix aktar osservat u li jsir ir-riżarċiment tal-flus imħalsa pero permezz ta' rati mensili.

Issa f'dan is-sens din il-Qorti hija konxja tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Concetta Charles*** deċiża nhar is-6 ta' Ġunju 2011 fejn f'dik il-kawża kien intqal is-segwenti: -

> Jekk wieħed jifli d-dokument a fol 37 (il-kuntratt jew skrittura oriġinali), jara li lejn it-tmiem tiegħu nsibu dan il-kliem:
>
> 29 ta' Novembru 2005
>
> Dehru l-partijiet u **rrexxindew** għal kull fini u effett tal-Liġi din l-iskittura.
>
> L-imsemmija Concetta Charles tobbliga ruħha li tirrifondi s-somma ta' ħamest elef u ħames mitt lira (Lm5,500) imħallsa lilha mill-komparenti miżżweġāin Cassar fqu l- iskrittura privata sal-31 ta' Diċembru 2005.
>
> Sad-data tad-29 ta' Novembru, 2005, l-ewwel kuntratt kien għadu fis-seħħ

u t-tleit snin stipulati fih kienu jispiċċaw fis- 17 ta' Settembru 2007.

Effettivament, il-partijiet neħħew min-nofs l-obbligazzjoni antika – jien intik il-flus u inti ġġibli tifla għall-addozzjoni – u minflok daħlu f'obbligazzjoni oħra. Din id-darba l- obbligazzjoni hija ġdida għal kollox għaliex issa saru kanonizazzjoni ta' kreditu. (fol 39).

Isegwi li mid-29 ta' Novembru 2005 saret novazzjoni (ai termini tal-artikolu 1179(a) u 1180(2) tal-Kap 16 li biha ntemmet l-obbligazzjoni li kienet eżistenti qabel u sar kuntratt ġdid.

Minn meta sar il-ftehim wieħed ma jistax iqis aktar li hija kwistjoni ta' approprijazzjoni indebita iżda hija kwistjoni biss ta' kreditu li għadu ma ġiex onorat. **Għal dan jeżistu l-mezzi ċivili kollha biex dan il-ftehim ikun inforzat** bħalma jsir normalment. Kull meta qed tgħid li hi lesta li tħallas qed awtomatikament tinterrompi jew tirrinunzja għall-preskrizzjoni li għaddiet. Mhux kull obbligu kontrattwali li ma jkunx onorat iwassal bil-fors għar-reat ta' approprijazzjoni indebita.

Għal kull buon fini, il-Qorti hija soddisfatta li l-appellanti sabet ruħha f'sitwazzjoni diffiċli minħabba li min kellu jmexxi l-fondazzjoni sab ruħu kkundannat kriminalment għax ma mexiex mal-mandat li kellu. (Ara s-sentenza ppreżentata). L-Ewwel Onorabbli Qorti korrettemant ikkwotat is-sentenza 'Il-Pulizija vs Raymond Falzon' (17.04.1998) meta jsiru promessi ta' ħlas. Biss il-fatti f'dak il-każ mhumiex l-istess bħal tal-lum. Ta lanqas f'dak il-każ ma kienx hemm kuntratt jew ftehim ġdid dwar kif ser isiru l-ħlasijiet. Dan l-element fil-fatt odjern jibdel kollox. Pjuttost din il-Qorti tikkwota b'approvazzjoni silta żgħira li kienet ikkwotata mill-Ewwel Onorabbli Qorti a fol 246:

'Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e' (come nel furto e nella truffa) l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, ***che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale.'***

Issa fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti jirriżulta li ma kienx hemm ftehim bil-miktub ieħor li ssostitwixxa dak miktub nhar is-16 ta'

Jannar 2002; iżda kien ftehim verbali li ġie kkonfermat miż-żewġ parte civile u li permezz tiegħu huma qablu li l-kuntratt tal-adozzjoni kellu jispiċċa u ma jiġix imġedded u li l-flus imħalsin kellhom jiġu restitwiti lura mhux f'daqqa iżda bin-nifs.

A differenza ta' dik il-Qorti, din il-Qorti tqis li l-arranġament ċivili li permezz tiegħu il-koppja Gonzi u l-imputata waslu sabiex jitħalsu lura tal-flus versati lilha preċedentement bl-ebda mod ma tinċidi fuq ir-responsabbilita' kriminali tal-imputata għar-reat tal-approprijazzjoni indebita.

Kwantu għall-aspett penali ta' din il-vertenza, il-Qorti jidhrilha li hemm il-presupposti kollha għall-applikazzjoni ta' dak mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Raymond Falzon*** deċiża fis–17 t' April 1998 fejn intqal li :

> L-element formali ta' dan ir-reat jikkonsisti fil-*"volontarieta' della concersione con scienza della sua illegittimita', e dal fine di lucro"* (Majno, L., *op.cit.*, p. 105). Huwa veru li ċerti awturi, inkluż dak ċitat mill-istess appellant (Giovanni Giurati, *Trattato di Diritto Penali,* Vol IX, *Delitti Contro la Proprieta'*, Casa Editrice Dott. Francesco Vallardi (Milano), 1913, pp. 375-376) jikkunsidraw li l-intenzjoni li wieħed jirrestitwixxi l-oġġett jinnewtralizza l-iskop ta' qligħ jew profitt bi preġudizzju tal-vittma (profitt, li *del resto,* ma hemmx għalfejn ikun wieħed pekunjarju). Tali intenzjoni, iżda, irid ikollha bħala fundament iċ-ċertezza tar-restituzzjoni u mhux tkun sempliċiment ibbażata fuq l-isperanza ta' eventwali restituzzjoni, tali intenzjoni fil-parti l-kbira tal-każijiet timmanifesta ruħha fir-restituzzjoni effettiva u immedjata (ara Giurat, G., *ibid.*, Antolisei, F., *Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale I,* Giuffre' (Milano), 1986, pp. 285-286). F'dan il-każ l-element formali tar-reat jirriżulta sodisfaċentement ippruvat;

Qabel xejn il-Qorti tal-Appell Kriminali f'dan il-każ ma kienetx qed tagħmilha bħala punt legalment minnha stabbilit u deċiż li fil-liġi Maltija li l-intenzjoni kriminali fir-reat t'approprjazzjoni indebita jiġi newtralizzat hekk kif issir ir-restituzzjoni ċerta, effettiva u immedjata tal-oġġett mal-approprjat. Anzi dik il-Qorti kienet qegħda tesponi bir-reqqa l-argumenti dottrinali dwar il-punt legali sollevat mingħajr ma stabbiltu bħala punt deċiż u stabbilit fil-liġi Maltija.

Pero dato ma non concesso li din it-teorija propunjata mill-Giurati et al kellha ssib applikazzjoni fil-Liġi Maltija, fil-każ tal-imputata Concetta Charles għalkemm jirriżulta li hija qablet li tħallas lura lill-koppja Gonzi l-ammonti riċevuti minnha preċedentement, din ir-restituzzjoni ma seħħitx b'mod li l-konjuġi Gonzi kellhom "iċ-ċertezza tar-restituzzjoni". Anzi, il-ħlas beda jsir fuq bażi mensili u li kienet ser tieħu snin twal biex tiġi saldata. Għalhekk din ir-restituzzjoni kienet ibbażata mhux fuq iċ-ċertezza u immedjatezza, iżda fuq l-isperanza tal-eventwali restituzzjoni. Evidentement dan it-test mhux soddisfatt u għalhekk din il-Qorti żgur ma tistax tqis li l-element formali b'xi mod ġie newtralizzat bil-ħlas lura f'dan il-każ. U allaħares kien hekk għaliex altrimenti min jirrendi ruħu ħati tal-approprijazzjoni indebita u jinqabad faċilment ikun jista' jevita r-responsabbilta' penali tiegħu billi wara li jkun inqabad jagħżel li jirrestitwixxi lura l-oġġett mal applikat u b'hekk ikun gawda doppjament – bil-flus malapplikati u bl-eżenzjoni mir-responsabbilta' kriminali għall-att kommess minnu preċedentement.

Mistqarr dan kollu, u salv għal dak aktar l-isfel mistqarr fir-rigward tal-allegati ħlasijiet li saru, din il-Qorti sejra tieħu in konsiderazzjoni il-fatt li kienet għamlet ħlasijiet lura tal-ammonti malapplikati meta tiġi biex teroga l-piena tagħha.

***Ikkunsidrat ulterjorment:***

Illi hemm punt ieħor li din il-Qorti jidhrilha li huwa inkwetanti daqs, jekk mhux ukoll iżjed, mill-fatti li taw lok lil dan il-każ u li jidher li seħħew snin wara li seħħ dan il-każ u li jistgħu ukoll ikunu penalment rilevanti anke illum. Din il-Qorti mhix f'qagħda li tiddetermina kemm effettivament tħalsu flus mill-imputata lill-koppja Gonzi. Din id-diffikulta mhix waħda ta' natura ċivili fis-sens li l-Qorti tista' tiddetermina jekk hemmx bilanċ ta' dejn li huwa ċert, likwidu u skadut u li tista' tordna b'xi mod anke in sede penale ir-restituzzjoni tiegħu lill-parte civile. Il-kwistjoni tmur ben oltre dan.

L-imputata ippreżentat fl-atti diversi riċevuti fejn hemm imsemmija l-ħlasijiet differenti li saru lil Marco Gonzi, u li fuqhom hemm firem li jsejħu lil Marco Gonzi. Elisabeth Gonzi stqarret li ma kienetx f'qagħda li tiddetermina kemm minn dak muri f'dawn l-irċevuti kienu effettivament tħalsu u dan għaliex dan l-aspett kien jieħu ħsiebu żewġha u li laħaq miet fil-mori tal-proċeduri. Meta xehdet fi Frar tal-2015 kienet

għadha ma vverifikatx fil-karti tiegħu jekk kellux xi dokument li juri kemm effettivament tħalsu lura mingħand l-imputata. Li hu żgur hu li hija għarfet il-firma ta' żewġha fuq dawk il-karti li rat.

Din il-Qorti hija imħasba mill-fatt li meta hija fliet dawn l-irċevuti setgħet tinnota li skont dawn l-irċevuti dawn il-ħlasijiet baqgħu sejrin sal-20 ta' Frar 2014 u warajhom ma hemm ebda riċevuta oħra, minkejja li Elisabeth Gonzi tixhed li sa xi ħmistax il-jum jew ġimgħa u nofs qabel miet, żewġha kien iltaqa' mal-imputata li kienet ħalsitu pagament ieħor. Għal dan il-ħlas ma hemm ebda riċevuta. B'hekk din il-Qorti ma tistax tasal għaċ-ċifra finali li tħalset mill-imputata lill-parte civile.

Pero aktar minn hekk, minn qari tal-istess riċevuti jirriżulta li f'diversi okkażjonijiet, u fuq diversi riċevuti jirriżulta li ċ-ċifra tal-pagament kienet jew miżjuda jew imbagħbsa, anke permezz ta' biros b'linka differenti minn dik oriġinarjament użata, mingħajr ma hemm ebda inizjali (għajr ħlief f'każ wieħed li ser jiġi imsemmi aktar l-isfel). Għalkemm il-Qorti tifhem li xi drabi l-partijiet ikunu ħadu żball u jirranġaw iċ-ċifri jew xi dettalji fuq l-irċevuti, jidher li f'dan il-każ tant kien hemm inċidenzi u drabi fejn ċifri ġew imbagħbsa jew miżjuda li jirrenduhom bil-wisq suspettużi.

Minn sempliċi eżami viżiv magħmul minn din il-Qorti tal-irċevuti preżentati, hija jidhrilha li hemm raġunijiet biżżejjed biex jitqanqlu dubji

kbar dwar l-awtentiċita u l-veraċita' tal-ammonti effettivament imħalsin mill-imputata lill-parte civile kif ukoll dwar kemm bosta mill-irċevuti eżibiti huma ġenwini u awtentiċi fir-rigward tal-kontenut tagħhom u b'mod partikolari fir-rigward dak li għandu x'jaqsam maċ-ċifri miktuba fuq l-istess riċevuti li juru l-ammonti allegatament li ġew imħalsin mill-imputata lill-parte civile.

Dan irid jittieħed ukoll fl-isfond tal-fatt li l-imputata għażlet li teżebixxi dawn id-dokumenti bħala parti mill-evidenza tagħha waqt li kienet qegħda tagħmel l-eżami tax-xhud Elisabeth Gonzi. U għalhekk dawn id-dokumenti li wħud minnhom jidhru pależament imbagħbsa ġew preżentati quddiem din il-Qorti bħala evidenza dokumentarja b'mod li setgħu ukoll jiżvijjaw lil din il-Qorti fl-analiżi ta' dan il-każ u fid-deċiżjoni tagħha. Dan kollu jimmerita approfondiment ulterjuri permezz t'investigazzjoni *ad hoc* li għandha ssir mill-Kummissarju tal-Pulizija indipendentement mill-eżitu tal-meritu ta' dan il-każ.

Il-Qorti rat li kien hemm manomissjoni ta' diversi minn dawn l-irċevuti li ser jiġu indikati aktar l-isfel u dan mingħajr ma teskludi li jista' jkun hemm irregolaritajiet f'irċevuti oħra; u b'mod partikolari :

a. dawk numri 24/25 (data u ċifra mibdula bil-linka blu), 26 (ċifra), 27 (data u ċifra mibdula minn €120 għal €180 bil-linka);
b. 31 u 32 (ċifra minn fejn jidher "1" qabel "60" setgħa kien miżjud wara);

c. 33 (minn fejn minbarra d-data mibdula jirriżulta li n-numru miktub bil-linka "60" ġiet mibdula bl-użu tal-correctional fluid abjad u n-numru "120" inserit minflok);
d. 34 (minn fejn in-numru "1" jidher li ġie miktub b'mod superimpost);
e. 35 (data mibdula u fatt interessanti – ċifra mibdula għal "170" u din id-darba pero din hija l-unika riċevuta fejn iċ-ċifra ġiet emendata u li ġiet inizjalata minn Marco Gonzi – a differenza tat-tibdiliet l-oħra kollha imsemmija – fatt li dan juri li meta Marco Gonzi kien ried jibdel ċifra huwa kien jaf li kellu jinizjala fejn issir l-emenda);
f. 36 (fejn id-data u ċ-ċifra ġiet mibdula din id-darba bil-linka blu għal "170");
g. 37 (fejn il-figura "1" tidher inserita b'mod spazjat wisq mill-kumplament tas-"60" imsemmija biex tkun miktuba bħala ċifra waħda);
h. 38 (fejn in-numru 160 jidher miktub b'żewġ tipi ta' linka differenti blu u iswed superimposti);
i. 39 (fejn fiċ-ċifra "160", in-numru "1" jidher miktub b'biro b'kulur blu u ħxuna differenti minn dik li inkiteb il-kumplament tan-numru u l-irċevuta);
j. 40 u 41 (minn fejn jirriżulta li n-numru "1" jidher li huwa miżjud b'biro differenti u miżjud wara – anke peress li l-impression u l-livell ta' penetrazzjoni tal-linka fil-karta tiegħu fuq il-karta

analizzata minn naħa ta' wara turi li hija differenti mill-kumplament tal-impressions u l-livell ta' penetrazzjoni tal-linka fil-karta li ħallew l-ittri u n-numri l-oħra miktuba oriġinarjament);

k. 42 fejn in-numru oriġinalment miktub "20" jidher li ġie mħassar bil-correction fluid abjad u wara sostitwit bin-numru 60 miktub bil-linka – iżda li jidher li wara ġie wkoll miżjud in-numru "1" qabel is-"60" u dan peress li l-istess numru "1" jidher miktub b'biro b'kulur blu differenti minn dak użat għan-numru 60 u li l-impressjoni tiegħu fuq il-karta (minn naħa ta wara tagħha) tidher ukoll differenti minn dik tan-numru "60");

l. 43 (fejn id-data ġiet mibdula u fejn in-numru oriġinalment miktub "20" jidher li ġie mħassar bil-correction fluid abjad u wara sostitwit bin-numru 160 miktub bil-linka);

m. 44, 45 u 62 minn fejn jidher li n-numru "1" ġie miżjud b'biro b'linka differenti minn dik oriġinarjament użata u dan jidher ukoll mill-impression tiegħu fuq wara tal-karta fejn l-istess impressjoni tan-numru mhux l-istess bħall-kumplament tan-numru "60");

n. 46, 49, 50, 51, 63 u 64 (fejn in-numru "1" jidher inserit u superimpost fuq is-simbolu tal-"€" meta kif jidher aktar l-isfel fl-istess riċevuta u minn riċevuti oħra normalment il-kittieb iħalli spazju bejn is-simbolu tal-"€" u l-ewwel figura miktuba u ma jinvadix is-simbolu bl-ewwel figura bħal ma ġara f'dan il-każ u fuq irċevuti oħra imsemmija aktar qabel u fil-50 hemm ukoll trehida

tal-id waqt il-kitba tan-numru "1" li walset ukoll għal spostament fuq il-lemin tal-istess numru li minħabba f'hekk mhux dritt;

o. 47 u 48 (fejn in-numru "1" jidher miktub b'daqs li ma jaqbel bl-ebda mod mal-mod kif jinkiteb in-numru "1" mill-kittieb tal-irċevuti in kwantu huwa fem kbar mill-kumplament tan-numri "1" miktuba fu l-istess riċevuta u riċevuti oħrajn u dan minbarra li jidher ukoll li seta' nkiteb b'linka differenti minn dik oriġinarjament użata u l-impressjoni tiegħu fuq il-karta meta analizzata minn-naħa ta' wara tagħha turi wkoll li huwa differenti mill-kumplament tal-impressjonijiet imħollija mill-ittri u n-numri l-oħra fis-sens li ħalla impressjoni aktar dgħajfa mill-oħrajn;

p. 54 (fejn in-numru "120" jidher li ġie mibdul u sopraimpost bin-numru "160");

q. 55 u 56 fejn in-numru "1" jidher miktub b'biro b'linka differenti mill-kumplament ta' dik użata fuq l-irċevuti rispettivi;

r. 57 u 58 (fejn jidher li l-ammont oriġinarjament miktub kien "60" li ġie evidentement mibdul biċ-ċifra "150" superimposta b'biro b'linka differenti);

s. 59, 60, 67 u 68 (minn fejn jirriżulta ċar li n-numru "1" ġie inserit permezz ta' biro b'linka blu differenti minn dik oriġinarjament użata fuq l-irċevuta); 61 (minn fejn jidher li kemm is-"60" u kemm il-"1" huma miktuba b'linka differenti minn xulxin u mill-linka li intużat fuq il-kumplament tal-irċevuta);

t. 65 (minn fejn jidher li n-numru wieħed seta' ġie miżjud wara anke minħabba li l-impressjoni li ħalla fuq il-karta tidher differenti minn dik imħollija mil-kumplament tan-numru "60");
u. 66 (minn fejn jidher li n-numru "120" ġie inserit u sovraimpost għal numru ieħor li jidher li kien miktub preċedentement b'biro u linka differenti u li biha kienet imkitbet l-irċevuta oriġinarjament);

Dan id-dubju raġjonevoli ta' din il-Qorti dwar l-integrita u l-awtentiċita taċ-ċifri indikati fl-irċevuti hawn fuq imsemmija huwa msaħħaħ ukoll bil-fatt li meta l-istess Qorti għamlet il-konteġġi tagħha fir-rigward ta' kemm dawn l-irċevuti kienu juru li saru ħlasijiet bejn Frar 2003 u l-14 ta' Ġunju 2010[2] filwaqt li Marco Gonzi ikkonferma li huwa rċieva Lm3200 bejn id-dati aktar il-fuq imsemmija, mill-istess riċevuti kien jidher li sa' dik id-data huwa kien irċieva s-somma ta' Lm3940.93 (jew €9,178.43)[3] :

Dan l-ammont ma jabqilx ma' dak mistqarr bil-ġurament tiegħu Marco Gonzi fl-14 ta' Ġunju 2010 u ċjoe li huwa kien irċieva Lm3200. L-irċevuti, sa' dak iż-żmien kienu qegħdin juru li huwa suppost tħallas Lm740.93 (ekwivalenti għal €1725.62) aktar minn dak mistqarr minnu u dan meta bosta mill-irċevuti li suppost juru kemm saru ħlasijiet sa' dak

[2] u ċjoe d-data meta Marco Gonzi qal li bdiet tħalsu lura u d-data ta' meta huwa kkonferma bil-ġurament tiegħu li kien irċieva Lm3200,

[3]

| | |
|---|---|
| irċevuti 1 sa 25 – | Lm2670 jew €6218.43 |
| irċevuti 26 sa' 45 – (ħlief għal 44 li hija datata 03/08/2010) | Lm1270.93 jew €2960 |

It-total ta' dak li l-irċevuti jallegaw li tħalsu lil Marco Gonzi għalhekk jammonta għal Lm3940.93 jew €9,178.43.

il-punt huma altament dubjużi u suspettużi għar-raġunijiet imsemmija aktar il-fuq.

Din il-Qorti tqis li jista' jkun hemm l-estremi ta' reati kriminali oħra konnessi ma dawn il-fatti li joħorġu mill-irċevuti preżentati mill-imputata indipendentement mill-eżitu tal-meritu ta' dan il-każ, u għalhekk tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga ulterjorment dan il-fatt sabiex jekk wara l-investigazzjoni tiegħu jirriżultalu li kien hemm ksur ta' liġi kriminali minn xi persuna, jipproċedi skont il-Liġi.

## *Decide*

li wara li rat l-Artikoli msemmija mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tiegħu aktar il-fuq imsemmija u ċjoe l-Artikoli 18, 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali, din il-Qorti qegħda ssib lill-imputata **Concetta Charles** ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontra tagħha.

Kwantu għall-piena, il-Qorti qieset mhux biss il-fedina penali tagħha ta' dak iż-żmien, iżda wkoll is-sentenza ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta datata 29 ta' Novembru 2010 l-Qorti għażlet li tapplika l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk illiberatha bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien tliet snin.

Din il-Qorti qegħda tqis li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ u tenut kont tax-xorta tar-reat u ċ-ċirkostanzi li seħħew fih, similment għal dak ġja deċiż minn din il-Qorti diversament presjeduta, għandhom jiġu applikati d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk qegħda tagħmel ordni li biha tillibera lill-ħatja bil-kundizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor matul il-perjodu ta' tliet snin mid-data tal-lum.

Ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti fissret lil ħatja bi kliem ċar u li jinftiehem l-effetti tal-ordni għall-liberazzjoni kondizzjonata fis-sens li jekk tagħmel reat ieħor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-ħatja tkun tista' tingħata sentenza għar-reat oriġinali.

Fil-kontemp, għar-raġunijiet ukoll premessi tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex immedjatament jinvestiga il-fatti aktar il-fuq imsemmija u jekk jirriżultalu li kien hemm ksur ta' liġi kriminali minn xi persuna, jipproċedi skont il-Liġi.

**Mogħtija illum, 28 ta' Settembru 2016, fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.**

***Aaron M. Bugeja***